



Brussell, 23 ta' April 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonal:
2022/0401(APP)

9005/24
ADD 1

SOC 293
ANTIDISCRIM 64
GENDER 72
JAI 647
FREMP 200

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abozz ta' DIRETTIVA TAL-KUNSILL dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza fil-qasam tat-trattament uguali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika tagħhom, it-trattament uguali fil-qasam tal-impieggi u x-xogħol bejn il-persuni irrispettivament mir-relijjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orientazzjoni sesswali tagħhom, it-trattament uguali bejn in-nisa u l-irġiel fi kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali u fl-aċċess għal prodotti u servizzi u l-provvista tagħhom, u li temenda d-Direttiva 2000/43/KE u d-Direttiva 2004/113/KE

- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
= Dikjarazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka b'rabta mal-proposta msemmija hawn fuq.

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

L-Awstria tappoġġa bis-sħiħ l-objettivi tad-Direttivi proposti biex tissahħħah il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni u biex jitjieb l-appoġġ għall-vittmi tad-diskriminazzjoni.

L-Awstria tenfasizza li d-Direttivi proposti jistabbilixxu standards minimi għall-korpi tal-ugwaljanza.

L-Awstria diġà għandha sistema tal-aħjar prattika li tiffunzjona sew fil-qasam tat-trattament ugwali u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni li ilha turi l-valur tagħha għal għexieren ta' snin. Sabiex jiġu ppreservati strutturi nazzjonali effettivi u li ilhom stabbiliti, għandu jkun hemm flessibbiltà fl-implementazzjoni ta' dawn id-Direttivi. F'dan il-qafas il-ġdid jibqgħu jeżistu istituzzjonijiet effettivi u mekkaniżzi effiċċenti.